MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2007

Avviz Numru. 24/2001/1

**Michael Falzon (ID No 611759 M)**

**vs**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsipprezentat mir-rikorrent Michael Falzon fit-12 ta' Jannar 2001 fejn wara li ppremetta illi nhar it-23 ta' Frar 2000 giet maqbuda mill-Kontrollur tad-Dwana vettura tal-ghamla Land Rover Series III numru tar-registrazzjoni GAM 941 proprjeta' tar-rikorrent;

Illi din l-elevazzjoni sehhet waqt investigazzjoni li kienet qed tigi kondotta minn ufficjali tal-Iskwadra ta' kontra d-drogi. Minn tali nvestigazzjonijiet irrizulta li kemm l-esponent kif ukoll il-vettura msemmija ma jinkwadrawx ruhhom fiha;

Illi sussegwentement dahlu l-ufficjali tad-Dwana kif ukoll ufficjali ohra tal-pulizija li komplew xi nvestigazzjonijiet utili u kien permezz ta’ nota ta’ qbid numru 46/2000 li din il-vettura giet maqbuda;

Illi ghal ragunijiet mhux maghrufa tali nota ta’ qbid kienet indirizzata lil certu Joseph Calleja, 10 Tower Road, B’Kara;

Illi l-vettura in kwistjoni kienet fil-pusses leggtimu tar-rikorrent u ghalhekk ma jezistu ebda ragunijiet  ghaliex tali vettura tigi kkonfiskata;

Illi l-esponent kien juza u ghad ghandu bzonn juza din il-vettura ghal garr ta’ ghodod in konnessjoni max-xoghol tieghu fil-krejnijiet;

Ghaldaqstant l-esponenti, in vista tal-premess jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna lill-intimat Kontrollur tad-Dwana biex jirrilaxxja l-vettura tal-ghamla Land Rover Series III numru tar-registrazzjoni GAM 941 msemmija fin-Nota ta’ Qbid  46/2000  proprjeta’ tar-rikorrent, li tinsab mizmuma ghandu u konsegwentement tawtorizza lir-rikorrent jirriprendi l-pussess tal-istess skond il-ligi.

Il-valur tal-vettura ma jeccedix it-Lm300.

Ra r-risposta tal-Kontrollur tad-Dwana fejn wiegeb:

Illi fl-investigazzjonijiet msemmija fir-rikors promotur gew elevati kwantita’ ta’ ghasafar li kienu qed jiddahhlu u jingarru f’Malta minghajr il-permess tal-awtoritajiet kompetenti.

Illi dawn l-ghasafar kienu qed jingarru gol-Land Rover Series III numru tar-registrazzjoni GAM 941 maqbuda bin-nota ta’ qbid 46/2000 li qed tkun kontestata bir-rikors promotur.

Illi l-qbid ta’ din il-vettura kien skond il-ligi u in ezekuzzjoni tal-poteri li l-ligijiet doganali jaghtu lill-esponent, b’mod partikolari l-artikolu 68 tal-Kap 37.

Ghaldaqstant l-esponenti jissottometti li l-qbid ta’ din il-Land Rover kien skond il-ligi u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza r-rikorrent qed jitlob ir-rilaxx tal-vettura Land Rover bin-numru GAM 941 wara illi dina giet ikkonfiskata mid-Dipartiment tad-Dwana pendenti nvestigazzjonijiet dwar reati kontra l-Ordinanza tad-Dwana. Flimkien ma’ din il-procedura l-Pulizija stitwiet proceduri kriminali kontra Michael Falzon u Joseph Calleja liema proceduri gew definittivament konkjuzi fis-17 ta’ Novembru 2005. F’din is-sentenza l-Qorti tal-Magistrati ordnat il-konfiska tal-Land Rover GAM 941 oltre pieni ohra li m’ghandhomx x’jaqsmu mal-meritu ta’ dan ir-rikors. Ghalhekk ladarba l-Land Rover giet legalment konfiskata f’gudizzju illi sar definittiv, mhux il-kaz illi din il-Qorti terga’ tikkonsidra din il-kwistjoni darb’ohra.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad it-talba tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------